



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.5.2005
KUMM(2005) 222 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**dwar in-negozjati ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika
(Euratom) ma' Ftehim Kwadeu internazzjonali bejn il-Membri tal-Forum
Internazzjonali Ġenerazzjoni IV fil-qasam tar-riċerka nukleari**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar in-negozjati ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika
(Euratom) ma' Ftehim Kwadru internazzjonali bejn il-Membri tal-Forum
Internazzjonali Ġenerazzjoni IV fil-qasam tar-riċerka nukleari**

(preżentata mill-Kummissjoni)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar in-negozjati ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) ma' Ftehim Kwadeu internazzjonali bejn il-Membri tal-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV fil-qasam tar-riċerka nukleari

L-inizjattiva “Ġenerazzjoni IV” tnediet mid-Dipartiment ta' l-Enerġija (DOE) ta' l-Istati Uniti fil-bidu ta' l-2000. Din tikkonċerna ideat għal sistema jew sistemi ta' enerġija nukleari li jistgħu jitħaddmu b'mod li jipprovdi provvista kompetittiva u affidabbli ta' l-enerġija, filwaqt li jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti kwistjonijiet ta' tħassib dwar is-sigurtà, l-iskart u l-proliferazzjoni nukleari u l-perċezzjoni pubblika. Issieħbu għadd ta' pajjiżi Ewropej (ir-Renju Unit, Franza u l-Isvizzera), kif ukoll il-Ġappun, il-Korea, l-Afrika t'Isfel, l-Arġentina, il-Brażil u l-Kanada. Għal dan il-għan, dawn il-pajjiżi ffirmaw il-Karta tal-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV (GIF). Il-Kummissjoni ddeċidiet fl-4 ta' Novembru 2002 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni numru C(2002)4287) li l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għandha taderixxi mal-Karta. Sussegwentement il-Karta ġiet iffirmata fisem l-Euratom fit-30 ta' Lulju 2003. Għadd ta' Stati Membri appoġġaw bis-siġġ din l-adeżjoni għaliex kienu interessati wkoll li jieħdu sehem fir-riċerka. Is-sehem tagħhom issa huwa possibbli permezz tas-sħubija ta' l-Euratom. Dan se joffri l-possibbiltà lill-Istati Membri interessati kollha, kif ukoll lil pajjiżi marbuta mal-Programmi Kwadru ta' l-Euratom, li jsawru l-kompetenza u l-għarfien u jiksbu informazzjoni dwar il-kwistjonijiet tekniċi u ta' sigurtà marbuta mal-ġenerazzjoni li jmiss ta' sistemi ta' reatturi nukleari.

Ir-“Roadmap tat-Teknoloġija”, id-dokument ewlieni li jiddeskrivi l-kontenut tekniku tar-riċerka li għandha ssir, identifika sitt sistemi differenti ta' enerġija nukleari għal iktar żvilupp. Il-ħidma ta' riċerka proprja se ssejtni fil-livell ta' proġetti individwali mwettqa minn istituti tar-riċerka, sħab industrijali, eċċ. u l-integrazzjoni tar-riżultati ta' dawn il-proġetti f'sistema waħda ta' enerġija nukleari teħtieġ li tiġi ssorveljata u mmexxija fil-livell xieraq.

Il-prestazzjoni tal-ħidma ta' riċerka teħtieġ qafas legali. Saru taħditiet informali mill-bidu ta' l-inizjattiva Ġenerazzjoni IV dwar x'għandu jkun dan il-qafas. Ġew indirizzati kwistjonijiet bħalma huma r-regolamentazzjoni tal-proġetti ta' riċerka, l-użu ta' l-għarfien eżistenti u d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, il-ħolqien ta' drittijiet ġodda ta' proprjetà intellettuali, ir-riżoluzzjoni ta' tilwim, l-adeżjoni ta' membri ġodda eċċ. Il-partijiet issa waslu għall-konklużjoni li jinħtieġ ftehim kwadru wieħed li jorbot legalment, u li abbażi tiegħu ser jiġu konklużi sitt arranġamenti, wieħed għal kull sistema, u arranġamenti għal kull proġett.

L-abbozzi tat-testi tal-ftehim kwadru maħsub u ta' mudell għas-sitt arranġamenti sistematiki ġew iċċirkolati u tressqu kummenti dwarhom mingħajr konklużjoni definittiva ċara.

Fi tmiem Novembru 2004, il-Presidenza ta' l-Istati Uniti tal-Grupp ta' Politika tal-GIF, li hu l-ogħla Kumitat ta' Regolamentazzjoni, sqarr li, abbażi ta' dawn it-taħditiet, tista' tippreżenta abożz ta' Ftehim Kwadru u li dan l-abbożż kien aċċettat permezz tal-proċedura interna inter-aġenzija ta' l-Istati Uniti. Il-Presidenza tal-Grupp ta' Politika ppreżenta dan il-Ftehim Kwadru bħala abbożż, iżda l-elementi ewlenin tiegħu m'għadhomx jitqiesu bħala negozjabbli. Id-diskussjoni dwar it-test kompliet għal ftit aktar żmien, sempliċement biex jiġu ċċarati kif kienu fformulati xi ftit mill-artikoli.

Wara li ġie pospost darbtejn, il-laqgħa tax-Xitwa tal-Grupp ta' Politika seħħet f'nofs Jannar 2005 u, relattivament malajr wara din il-laqgħa, verżjoni ffinalizzata tal-Ftehim Kwadru saret disponibbli għall-firem fil-11 ta' Frar 2005. Minħabba li l-għan waħdieni ta' dan il-Ftehim Kwadru hu li joħloq qafas li jorbot legalment sabiex jippermetti ħidma ta' riċerka u żvilupp (R&D) fil-livell tal-proġett, ħadd mill-Partijiet l-oħra ma oġġezzjona li dan ikun disponibbli għall-firem.

Madankollu, f'dan il-proċess, il-Kummissjoni ġiet ikkonfrontata b'talba sistematika mid-Dipartiment ta' l-Istat ta' l-Istati Uniti li kellha l-għan li żżomm milli organizzazzjonijiet multi-governattivi, inkluża l-Komunità, jieħdu sehem f'deliberazzjonijiet fejn jipparteċipaw xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħhom. Fl-aħħar, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti li jekk ma jinbidilx kif inhu fformulat il-kliem, la l-Komunità, u lanqas ir-Renju Unit u Franza ma jitħallew jiffirmaw il-Ftehim. Konsegwentement, l-avveniment ta' l-iffirmar ittardja b'ġimgħatejn. Minħabba li kien jinħtieġ kompromess li jiffaċilita l-iffirmar min-naħa tar-Renju Unit u ta' Franza, il-Kummissjoni qablet li tagħmel id-dikjarazzjoni segwenti jekk u meta din taderixxi mal-Ftehim:

“Ma' l-adeżjoni tagħha bħala Parti minn dan il-Ftehim Kwadru, il-Euratom ser tipparteċipa bis-sħiħ fil-kollaborazzjoni u d-deliberazzjonijiet kollha taħt dan il-Ftehim Kwadru u kull Arranġament Sistematu li hija firmatarja tiegħu, iżda mhux ser tostakola kunsens milħuq mill-Partijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim Kwadru jew mill-firmatarji l-oħra ta' Arranġamenti Sistematiċi fejn kemm hi kif ukoll wieħed jew iktar mill-membri tagħha huma firmatarji.”

Din id-dikjarazzjoni tenfasizza li l-Komunità se tkun Parti sħiħa tal-ftehim, iżda se timxi sistematikament ma' l-Istati Membri tagħha. Sabiex tkun assicurata din is-solidarjetà, il-Kummissjoni u l-Istati Membri Partijiet ta' dan il-Ftehim Kwadru se jagħmlu d-dikjarazzjoni ta' hawn taħt, li se tkun meħmuża mal-Minuti tal-Kunsill:

“Il-Kummissjoni u l-Istati Membri Partijiet tal-Ftehim Kwadru – li attwalment huma Franza u r-Renju Unit – se jikkoordinaw mill-qrib u se jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Kwadru u l-Arranġamenti Sistematiċi rilevanti.”

Il-Kummissjoni se tkompli torganizza laqgħat regolari, għallinqas darbtejn fis-sena, miftuħa għal kwalunkwe Stat Membru jew organizzazzjoni ta' riċerka li lesta li tikkontribwixxi għar-riċerka u l-iżvilupp li qed jitwettqu fi ħdan il-GIF. Dan il-proċess ta' koordinament se jinvolvi pajjiżi assoċjati mal-Euratom FP u għalhekk jinkludu l-Iżvizzera, li hija wkoll Membru tal-GIF.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ftehim Kwadru propost għandu jkun aċċettabbli għall-Komunità u għalhekk iddeċidiet li tressqu quddiem il-Kunsill skond l-Artikolu 101.2 tat-Trattat Euratom.

Il-Ftehim Kwadru jirrappreżenta pass 'il quddiem lejn id-definizzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sistemi Ġenerazzjoni IV u jittrasforma d-dispożizzjonijiet tal-Karta tal-GIF, li l-kontenut tagħha jikkonsisti fi ftehim politiku mingħajr implikazzjonijiet finanzjarji u li għalhekk kien iffirmit direttament mill-Kummissjoni, f'dokument li jorbot legalment. L-adeżjoni mal-Ftehim Kwadru teħtieġ l-approvazzjoni mill-Kunsill minħabba li din ser tikkostitwixxi l-bażi ta' kollaborazzjoni konkreta fir-riċerka, li ma setgħetx tibda mingħajr l-iffissar ta' kundizzjonijiet ċari li jikkontrollaw din il-kollaborazzjoni. Barra minn hekk, it-tul ta' żmien tal-Ftehim Kwadru se jkopri iktar minn żewġ Programmi Kwadru, u

jinħtieġu għallinqas żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill sabiex jiggwidaw il-kontribut Komunitarju għall-GIF li għandu jaqbel mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar Programmi Kwadru eżistenti u futuri.

Fl-aħħarnett, wieħed għandu jinnota li m'hemmx dispożizzjoni obbligatorja għal skambji finanzjarji jew allokazżjonijiet baġitarji speċjali bejn il-Partijiet. Id-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan ir-rigward huma soġġetti għar-regoli, l-prassi u r-rieda individwali tas-sħab. L-uniċi spejjeż li hemm mhumiex spejjeż diretti ta' riċerka, iżda jirrigwardaw is-servizzi tekniċi speċjalizzati ħafna ta' l-NEA li se tassigura l-ġestjoni ta' l-għarfien tal-GIF. Dawn jistgħu jiġu koperti fil-biċċa l-kbira bis-sekondar ta' l-istaff xieraq lis-Segretarjat Tekniku, fuq bażi volontarja, minn organizzazzjonijiet ta' riċerka u żvilupp interessati li jieħdu sehem fi proġetti speċifiċi tal-GIF. Ikun meħtieġ ammont limitat biss sabiex ikopri l-bqija ta' l-ispejjeż mġarrba mis-servizzi segretarjali ta' l-NEA. Għalhekk, il-kontribut Komunitarju dirett għall-GIF se jkun stabbilit mill-Programmi Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp u jkun limitat għall-possibilitajiet offruti mid-deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta dawn il-Programmi. Dan jassigura li l-kontribut tal-Euratom għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp taħt il-GIF jikkorrispondi mal-prijoritajiet definiti fil-Programmi Kwadru. Madankollu, dan mhux se jżomm kwalunkwe Stat Membru jew organizzazzjoni nazzjonali tar-riċerka u l-iżvilupp li jixtiequ jikkontribwixxu lejn il-GIF bil-mezzi tagħhom stess milli jgħaddu l-kontribut tagħhom permezz tal-Komunità, inklużi f'oqsma mhux koperti mill-kontribut tal-Euratom.

L-aħħar punt li l-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill lejha huwa r-reġim lingwistiku. L-isħab kollha kienu lesti li jaċċettaw il-verżjoni waħdanija bl-Ingliż maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Enerġija ta' l-Istati Uniti bħala awtentika. Madankollu, minħabba li ser tkun iffirmata mill-Gvern tal-Kanada, kien jinħtieġ verżjoni bil-Franċiż. Din inħarġet mill-awtoritajiet Kanadiżi u ġiet irreveduta mill-NEA.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jadotta l-abbozz tad-deċiżjoni meħmuż.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-inizjattiva tal-Forum Internazzjonali “Ġenerazzjoni VI” (GIF), immedja fil-bidu ta’ l-2000 mid-Dipartiment ta’ l-Enerġija (DOE) ta’ l-Istati Uniti tikkonċerna kunċetti għal sistema jew sistemi ta’ enerġija nukleari li jistgħu jitħaddmu b’mod li jipprovdi provvista kompetittiva u affidabbli ta’ enerġija, filwaqt li jiġu indirizzati b’mod sodisfaċenti kwistjonijiet ta’ tħassib dwar is-sigurtà, l-iskart u l-proliferazzjoni nukleari u l-perċezzjoni pubblika. Bħalissa hemm hdx-il membru fil-GIF, firmatarji tal-Karta tal-GIF: l-Arġentina, il-Brażil, il-Kanada, l-Euratom, Franza, il-Ġappun, il-Korea, l-Afrika t’Isfel, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti ta’ l-Amerika.

Il-Karta tal-GIF ġiet iffirmata f’isem l-Euratom fit-30 ta’ Lulju 2003 abbażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni numru C(2002)4287. Għadd ta’ Stati Membri appoġġaw bil-qawwi din l-adeżjoni għaliex kienu interessati wkoll li jieħdu sehem fir-riċerka li se titwettaq taħt il-GIF. Is-sħubija tal-Euratom se toffri l-possibbiltà lill-Istati Membri interessati kollha, kif ukoll lil pajjiżi assoċjati mal-Programmi Kwadru tal-Euratom, li jieħdu sehem f’attivitajiet ta’ riċerka u żvilupp tal-GIF, li jibnu kompetenza u għarfien u jiksbu informazzjoni dwar il-kwistjonijiet tekniċi u ta’ sigurtà marbuta mal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ sistemi ta’ reatturi nukleari.

L-aspetti tat-teknoloġija marbuta mal-GIF, huma trattati fir-“*Roadmap* tat-Teknoloġija”, iffinalizzata fi tmiem l-2002, li identifika sitt sistemi ta’ enerġija nukleari li fuqhom se tkompli r-riċerka.

Il-prestazzjoni tal-ħidma ta’ riċerka teħtieġ qafas legali. L-arkitettura legali maħsuba tal-GIF tinkludi tliet livelli ta’ ftehimiet (Ftehim Kwadru, Arranġamenti Sistematiċi u, rispettivament, Arranġamenti għal Proġetti fi hdxan kull Sistema) sabiex jippermettu t-twettiq tar-riċerka u l-qsim tar-riżultati.

Il-Ftehim Kwadru, iffinalizzat fil-bidu ta’ l-2005, jirrappreżenta pass ’il quddiem fid-definizzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sistemi Ġenerazzjoni IV u jittrasforma d-dispożizzjonijiet tal-Karta tal-GIF f’dokument li jorbot legalment. (Dan ta’ l-aħħar, li l-kontenut tagħha kkonsista fi ftehim politiku mingħajr implikazzjonijiet finanzjarji, kien iffirmit direttament mill-Kummissjoni.)

L-adeżjoni mal-Ftehim Kwadru teħtieġ l-approvazzjoni mill-Kunsill minħabba li din se tikkostitwixxi l-bażi tal-kundizzjonijiet li jikkontrollaw il-kollaborazzjoni konkreta fir-riċerka fi hdxan il-GIF. Barra minn hekk, it-tul ta’ żmien tal-Ftehim Kwadru se jkopri iktar minn żewġ Programmi Kwadru, u jinħtieġu għallinqas żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill sabiex jiggwidaw il-kontribut Komunitarju lejn il-GIF li għandu jaqbel mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar Programmi Kwadru eżistenti u futuri.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar in-negozjati ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) ma' Ftehim Kwadru internazzjonali bejn il-Membri tal-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV fil-qasam tar-riċerka nukleari

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem: Euratom), u partikolarment l-Artikolu 101(2) tiegħu,

Billi:

- (1) l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-Renju Unit, Franza, l-Iżvizzera, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Afrika t'Isfel, l-Arġentina u l-Kanada ħolqu l-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV (GIF) bil-għan li jiżviluppa kunċetti għal sistema jew sistemi ta' enerġija nukleari li jistgħu jitħaddmu b'mod li jipprovdi provvista kompetittiva u affidabbli ta' l-enerġija, filwaqt li li jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti kwistjonijiet ta' tħassib dwar is-sigurtà, l-iskart u l-proliferazzjoni nukleari u l-perċezzjoni pubblika;
- (2) l-Euratom ingħaqdet mal-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV fit-30 ta' Lulju 2003;
- (3) il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iskambju fir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija marbuta mal-qasam nukleari ipproġettati taħt il-GIF, jeħtieġu qafas legali fid-dawl tal-ġestjoni tar-riċerka b'mod li jipprovdi sigurtà legali lill-parteċipanti u partikolarment fid-dawl tal-ħarsien tad-drittijiet li joħorġu mill-ħidma tar-riċerka, bħalma huma d-drittijiet tal-proprietà intellettuali;
- (4) għal dan il-għan, il-partijiet tal-GIF qablu dwar il-konklużjoni ta' ftehim kwadru li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-kooperazzjoni u għal arranġamenti sussegwenti għal sistemi u proġetti;
- (5) il-kontribut Komunitarju lejn il-proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&D) tal-GIF se jibqa' fil-limiti ta' l-ambitu tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programm Kwadru ta' l-Euratom;
- (6) kwalunkwe Stat Membru, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi jew privati tiegħu jew l-industrija tiegħu jista' jgħaddi l-kontribut dirett tiegħu lejn dawn il-ħidmiet ta' riċerka u żvilupp permezz ta' l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim Kwadru;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni Ewropea hija awtorizzata li tinneqgħa l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) mal-Ftehim Kwadru tal-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV meħmuż sabiex tippermetti kemm kontribut dirett mill-Komunità lill-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp tal-GIF, kif ukoll il-possibilità, għal kull Stat Membru, l-organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati tar-riċerka tiegħu jew l-industrija tiegħu, li jgħaddu l-kontributi tagħhom għall-ħidma ta' riċerka u żvilupp tal-GIF.

Artikolu 2

Jekk il-Partijiet tal-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV jaċċettaw din l-adeżjoni mingħajr iktar kummenti, il-Kummissjoni hija awtorizzata tiffirma l-Ftehim Kwadru meħmuż f'isem il-Komunità.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

FTEHIM TA' QAFAS

GĦAL

KOLLABORAZZJONI INTERNAZZJONALI

FIR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP TA'

SISTEMI NUKLEARI TAL-ĠENERAZZJONI IV

Il-Partijiet ta' dan il-Ftehim ta' Qafas,

FILWAQT LI JQISU ż-żieda mistennija fid-domanda għall-enerġija madwar id-dinja, u l-kontribut li l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji u fjuwils innovattivi jistgħu jagħmlu għall-ilħuq tad-domanda globali ta' l-enerġija b'mod sostenibbli fil-ġejjieni;

FILWAQT LI JQISU li l-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp minn ħafna pajjiżi dwar l-iżvilupp tas-sistemi avvanzati ta' enerġija nukleari tal-ġenerazzjoni li jmiss se jgħinu l-progress lejn ir-realizzazzjoni ta' sistemi bħal dawn;

FILWAQT LI JQISU li l-Partijiet jew il-ministeri, id-dipartimenti, l-aġenziji jew l-entitajiet oħra tagħhom iffirmaw Karta għall-Forum Internazzjonali ġenerazzjoni IV (minn hawn 'il quddiem "GIF") bħala bażi għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp għas-sistemi ta' enerġija nukleari tal-ġenerazzjoni li jmiss (minn hawn 'il quddiem "Sistemi Ġenerazzjoni IV");

FILWAQT LI JQISU li membri tal-GIF ħolqu struttura permanenti ta' tmexxija magħmula minn Grupp ta' Politika, Grupp ta' Esperti, u Segretarjat, sabiex timplimenta l-Karta;

FILWAQT LI JQISU li l-GIF lesta "*Roadmap* Teknoloġika għas-Sistemi ta' Enerġija Nukleari Ġenerazzjoni IV: Rapport Tekniku tar-*Roadmap*" li tidentifika l-iktar sitt Sistemi Ġenerazzjoni IV promettenti, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp meħtieġa sabiex dawn is-Sistemi jgħidli għall-maturità teknika;

FILWAQT LI JINNUTAW li s-Sistemi Ġenerazzjoni IV huma: is-Sistema ta' Reattur Rapidu Mkessaħ bil-Gass, is-Sistema ta' Reattur Rapidu Mkessaħ biċ-Ċomb, is-Sistema ta' Reattur bil-Melħ Imdewweb, is-Sistema ta' Reattur Rapidu Mkessaħ bis-sodju, is-Sistema ta' Reattur Superkritiku Mkessaħ bl-Ilma, u is-Sistema ta' Reattur b'Temperatura Għolja Ħafna;

FILWAQT LI JIXTIEQU jiffaċilitaw il-possibiltà tal-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp tas-Sistemi Ġenerazzjoni IV mill-Partijiet u l-ministri, id-dipartimenti, l-aġenziji u entitajiet oħra tagħhom, flimkien mas-settur industrijali, dak akkademiku, u dawk governattivi u non-governattivi tal-komunità internazzjonali tar-riċerka, għall-avvanz tas-Sistemi Ġenerazzjoni IV identifikati fir-*Roadmap* tat-Teknoloġija; u

FILWAQT LI JINNUTAW il-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Ħarsien tal-Proprietà Industrijali ta' l-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta u emendata;

ARTIKOLU I

Għan

1. L-għan ta' dan il-Ftehim ta' Qafas huwa li jiġi stabbilit qafas għall-kollaborazzjoni internazzjonali li tippromwovi u tiffaċilita l-ilħuq ta' l-għan u l-viżjoni tal-GIF: l-iżvilupp ta' kunċetti għal Sistema waħda Ġenerazzjoni IV jew iktar li jistgħu jiġu brevettati, mibnija, u mħaddma f'mod li jipprovdi provvista affidabbli ta' l-enerġija bi prezz kompetittiv lill-pajjiż(i) fejn dawn is-sistemi jistgħu jiġu adottati, filwaqt li jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti kwistjonijiet ta' tħassib dwar is-sigurtà nukleari, l-iskart, il-proliferazzjoni u l-perċezzjoni pubblika.
2. Il-kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim ta' Qafas se sseħħ biss għal skopijiet paċifiċi, u skond l-għanijiet ta' non-proliferazzjoni u l-obbligi internazzjonali relatati tal-Partijiet; u fuq il-bażi ta' ugwaljanza, benefiċċju reċiproku, u reċiproċità.

ARTIKOLU II

Forom ta' Kollaborazzjoni

Il-forom ta' kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim ta' Qafas jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- a) riċerka u żvilupp teknoloġiku konġunti;
- b) skambju ta' tagħrif tekniku u *data* dwar attivitajiet xjentifiċi u tekniċi u metodi u riżultati ta' riċerka u żvilupp;
- c) appoġġ għall-organizzazzjoni ta' dimostrarazzjonijiet tekniċi;
- d) twettiq ta' provi/esperimenti konġunti;
- e) *il-parteċipazzjoni ta' staff (inklużi xjentisti, inġiniera, u speċjalisti oħrajn) f'esperimenti, analiżi, diżinn u attivitajiet oħra ta' riċerka u żvilupp imwettqa f'ċentri ta' riċerka, istituzzjonijiet akkademiċi, laboratorji u faċilitajiet oħra.*
- f) skambju jew self ta' kampjuni, materjali u tagħmir għall-esperimenti, ittestjar u evalwazzjoni;
- g) l-organizzazzjoni ta', u l-parteċipazzjoni f' seminars, konferenzi xjentifiċi jew laqgħat oħrajn;
- h) kontributi finanzjarji lejn l-adozzjoni ta' faċilitajiet esperimentali meħtieġa; kif ukoll
- i) taħriġ u titjib tal-ħiliet tax-xjentisti u l-esperti tekniċi.

ARTIKOLU III

Implimentazzjoni

1. Il-Partijiet se jħeġġu u jiffaċilitaw, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' kuntatti diretti u kollaborazzjoni bejn aġenziji tal-gvern, akkademji tax-xjenza, universitajiet, ċentri tax-xjenza u r-riċerka, azjendi tas-settur privat, u organizzazzjonijiet inter-governattivi.
2. Kull Parti, mal-firma jew depożitu ta' strument ta' adeżjoni, se tinnomina lilha nnfisha jew lil wieħed jew iktar mill-ministeri, dipartimenti, aġenziji jew entitajiet oħra tagħha bħala Aġent(i) Eżekuttiv(i) sabiex jilħaq l-għan stipulat fl-Artikolu I ta' dan il-Ftehim ta' Qafas. L-Aġenti Eżekuttivi huma identifikati fl-Anness, li jiffirma parti integrali minn dan il-Ftehim ta' Qafas.
3. Parti tista' tinnomina Aġent(i) Eżekuttiv(i) addizzjonali jew tibdel l-Aġent(i) Eżekuttiv(i) tagħha b'notifika bil-miktub lid-Depożitarju (identifikat fl-Artikolu XI). In-nomini addizzjonali jew mibdula ta' l-Aġent Eżekuttiv se jkollhom effett skond il-paragrafu 4 ta' l-Artikolu XII.

ARTIKOLU IV

Arranġamenti għal Sistema

1. L-Aġenti Eżekuttivi ta' tnejn jew iktar mill-Partijiet jistgħu jidħlu f'Arranġament għal Sistema għal kull wieħed mis-sitt Sistemi Ġenerazzjoni IV identifikati fir-Roadmap għat-Teknoloġija; sakemm, madankollu,:
 - a) ikun hemm Arranġament għal Sistema għal kull Sistema Ġenerazzjoni IV; u
 - b) jekk Parti jkollha iktar minn Aġent Eżekuttiv wieħed, wieħed minnhom biss jista' jkun firmatarju ta' Arranġament għal Sistema.
2. Kull Arranġament għal Sistema, li għandu jkun konsistenti u ggvernat mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ta' Qafas, se jstabbilixxi qafas għall-kollaborazzjoni għall-ippjanar u t-twettiq tal-ħidma ta' riċerka u żvilupp meħtieġa għall-istabbiliment tal-vijabilità u r-rendiment tas-Sistema Ġenerazzjoni IV kkonċernata.
3. Kull Arranġament għal Sistema għandu jinkludi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dwar, fost oħrajn:
 - a) il-kollaborazzjoni li se sseħħ;
 - b) it-tmexxija ta' l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li se jitwettqu sabiex jintlaħaq l-għan tal-GIF;
 - c) arranġamenti finanzjarji;

- d) il-ħarsien, l-użu u l-kxif ta' tagħrif bażiku protett; u
 - e) il-ħarsien adegwat u effettiv u l-allokazzjoni tal-proprjetà intellettuali maħluqa jew mogħtija matul il-kollaborazzjoni li sseħħ taħt dan il-Ftehim ta' Qafas, inklużi dispożizzjonijiet għar-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar drittijiet ta' proprjetà intellettuali.
4. Fil-każ ta' xi inkonsistenza bejn Arranġament għal Sistema u dan il-Ftehim ta' Qafas, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ta' Qafas se jgħoddu.

ARTIKOLU V

Arranġamenti għal Proġett

1. Kull Arranġament għal Sistema se jiġi implimentat permezz ta' Arranġament(i) għal Proġett għal proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&D) maħsuba biex jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-vijabbiltà u r-rendiment tas-Sistema Ġenerazzjoni IV marbuta mal-proġett.
2. Aġenti Eżekuttivi jistgħu ikunu firmatarji ta' Arranġamenti għal Proġett. Entitajiet oħra fis-settur pubbliku u dak privat jistgħu jkunu firmatarji ta' Arranġamenti għal Proġett soġġetti għall-approvazzjoni unanima ta' Kumitat ta' Tmexxija għal Sistema li għandu jitwaqqaf mil-firmatarji ta' kull Arranġament għal Sistema sabiex imexxi l-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp għal kull Sistema Ġenerazzjoni IV.
3. Kull Arranġament għal Proġett għandu jindirizza kwistjonijiet bħal, imma mhux biss, l-ambitu tal-ħidma, l-ispejjeż stmati, l-iskeda ta' żmien proposta, ir-responsabilitajiet ta' tmexxija tal-proġett, id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, il-ħtiġijiet ta' rappurtar, u dispożizzjonijiet dwar l-irtirar tal-firmatarji.
4. Kull Arranġament għal Proġett għandu jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Arranġament għal Sistema marbuta mas-suġġett tal-proġett u tal-Ftehim ta' Qafas, u għandu jitmexxa minnhom.
5. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn Arranġament għal Sistema u Arranġament għal Proġett, id-dispożizzjonijiet ta' l-Arranġament għal Sistema se jgħoddu. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn Arranġament għal Sistema jew Arranġament għal Proġett minn naħa, u dan il-Ftehim ta' Qafas min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ta' Qafas se jgħoddu.

ARTIKOLU VI

Faċilitazzjoni taċ-Ċaqliq ta' Persuni, Tagħmir u Materjali; u l-Użu tad-Data

Fir-rigward tal-kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim ta' Qafas, kull Parti għandha, sal-punt permess mill-obbligi internazzjonali, il-liġijiet nazzjonali u r-regolamenti tagħha:

- a) tiffaċilita d-dħul u l-ħruġ mit-territorju tagħha ta' staff, tagħmir u materjali xierqa tal-Partijiet l-oħra użati fil-kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim ta' Qafas; u
- b) tiffaċilita l-iskambju u l-użu ta' *data* xjentifika u teknika li tirriżulta minn riċerka u żvilupp imwettqa taħt dan il-Ftehim ta' Qafas.

ARTIKOLU VII

Disponibbiltà tar-Riżorsi

L-attivitajiet ta' kull Parti taħt dan il-Ftehim ta' Qafas huma soġġetti għad-disponibbiltà ta' fondi approprijati, staff u riżorsi oħra.

ARTIKOLU VIII

Liġijiet applikabbli

Kull Parti għandha twettaq il-kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim ta' Qafas fi qbil mal-liġijiet u r-regolament applikabbli li hi soġġetta għalihom.

ARTIKOLU IX

Xandir tat-Tagħrif

Tagħrif xjentifiku u teknoloġiku li joħroġ mill-kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim ta' Qafas, minbarra tagħrif li ma jsirx disponibbli għall-pubbliku minħabba raġunijiet kummerċjali, industrijali jew ta' sigurtà nazzjonali, għandu jsir disponibbli lill-komunità xjentifika dinjija permezz tal-mezzi tas-soltu u skond il-proċeduri normali tal-Partijiet u il-ministeri, dipartimenti, aġenziji u entitajiet oħra rispettivi tagħhom li qed jipparteċipaw.

ARTIKOLU X

Riżoluzzjoni tat-tilwim

1. Kull tilwima marbuta ma' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Qafas se tissolva permezz ta' konsultazzjoni bejn il-Partijiet ikkonċernati.
2. Kull tilwima bejn tnejn jew iktar mill-firmatarji ta' Arranġament għal Proġett tista' tissolva bi kwalunkwe metodu, stipulat f'Arranġament għal Proġett, li jaqblu dwaru bil-miktub il-firmatarji kkonċernati ta' l-Arranġament għal Proġett.

ARTIKOLU XI

Depożitarju

1. Il-kopja oriġinali ta' dan il-Ftehim ta' Qafas se tiġi ddepożitata mas-Segretarju Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, li hawnhekk hu nnominat Depożitarju. Id-Depożitarju se jaqdi dmirijietu skond l-Artikolu 77 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969.
2. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ta' Qafas skond il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu XII, id-Depożitarju se jibgħat kopja ċċertifikata vera ta' dan il-Ftehim ta' Qafas lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għar-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni skond l-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; u se jibgħat ukoll kopji ċċertifikati ta' kull emenda għal dan il-Ftehim ta' Qafas li tidħol fis-seħħ.

ARTIKOLU XII

Dħul fis-Seħħ, Emendi, Estensjoni u Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim ta' Qafas se jkun miftuħ għall-firem fit-28 ta' Frar 2005 biss. Stat, li wieħed jew aktar mill-ministeri, dipartimenti, aġenziji jew entitajiet oħra tiegħu huwa membru tal-GIF, jew kwalunkwe membru tal-GIF magħmul minn iktar minn stat wieħed, jista' jsir Parti ta' dan il-Ftehim ta' Qafas:
 - a) permezz ta' firma mhux soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni; jew
 - b) permezz ta' firma soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni segwita minn depożitu ta' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni; jew
 - c) permezz ta' depożitu ta' strument ta' adeżjoni, skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu XIV.
2. Dan il-Ftehim ta' Qafas jidħol fis-seħħ meta tliet Partijiet jindikaw il-kunsens tagħhom li jintrabtu: permezz ta' firma mhux soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni; jew permezz ta' depożitu ta' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, Minn hemm 'il quddiem, dan il-Ftehim ta' Qafas jidħol fis-seħħ għal firmatarju fid-data tad-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tiegħu; u jidħol fis-seħħ għal Partijiet addizzjonali skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' l-Artikoli XIV.
3. Soġġett għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, dan il-Ftehim ta' Qafas jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' 10 snin, u jista' jiġi estiż għal perjodi addizzjonali permezz tal-ftehim tal-Partijiet, fi qbil mal-proċeduri li jiġu elaborati mill-Partijiet.
4. Dan il-Ftehim ta' Qafas jista' jiġi emendat f'kull ħin permezz tal-qbil tal-Partijiet kollha. Minbarra kif previst fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu XIV, emenda tidħol fis-

seħħ għall-Partijiet kollha 30 jum wara d-data ta' meta d-Depożitarju jirċievi l-aħħar notifika bil-miktub ta' l-aċċettazzjoni ta' l-emenda.

5. Dan il-Ftehim ta' Qafas jista' jiġi terminat f'kull ħin permezz tal-qbil tal-Partijiet kollha. It-terminazzjoni se tkun effettiva 30 jum wara d-data ta' meta d-Depożitarju jirċievi l-aħħar notifika bil-miktub ta' l-aċċettazzjoni tat-terminazzjoni.

ARTIKOLU XIII

Irtirar

1. Parti tista' tirtira minn dan il-Ftehim ta' Qafas wara li tagħti sitt xhur notifika bil-miktub lid-Depożitarju. L-Anness, konsegwentement, jiġi emendat sabiex jitħassar l-isem tal-Parti u dak ta' l-Aġent(i) Eżekuttiv(i) tagħha, skond il-proċeduri elaborati mill-Partijiet.
2. L-irtirar ta' Parti minn dan il-Ftehim ta' Qafas se jfisser irtirar ta' l-Aġent Eżekuttiv tagħha minn kull Arranġament għal Sistema li l-Aġent Eżekuttiv huwa firmatarju tiegħu.

ARTIKOLU XIV

Partijiet Addizzjonali

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ta' Qafas, kwalunkwe stat, li wieħed jew iktar mill-ministeri, dipartimenti, aġenziji jew entitajiet oħra tiegħu huwa/ma membru/i tal-GIF, u kwalunkwe membru tal-GIF magħmul minn iktar minn stat wieħed, jista' jsir Parti ta' dan il-Ftehim ta' Qafas billi jiddepożita mad-Depożitarju strument ta' adeżjoni u notifika bil-miktub ta' l-Aġent(i) Eżekuttiv(i) li se jiġi(u) nnominat(i) skond il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu III.
2. Meta Parti addizzjonali tiddepożita l-istrument ta' adeżjoni u n-notifika tagħha skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-Depożitarju se jiċċirkola emenda proposta għall-Anness li tispeċifika l-Aġent Eżekuttiv ta' dik il-Parti. Din l-emenda tidħol fis-seħħ 90 jum wara d-data tal-wasla tan-notifika tal-Parti għand id-Depożitarju, sakemm l-ebda Parti oħra ma nnotifikat lid-Depożitarju li hi ma taqbilx ma' l-emenda proposta. Fil-każ li d-Depożitarju jirċievi oġġezzjoni, l-emenda proposta ma tidħolx fis-seħħ, u l-Parti addizzjonali tressaq lid-Depożitarju notifika rriveduta bil-miktub ta' l-Aġent(i) Eżekuttiv(i) tagħha, li jkunu soġġetti għall-istess proċedura.
3. Dan il-Ftehim ta' Qafas jidħol fis-seħħ għal kull Parti addizzjonali 90 jum wara dak tal-wasla għand id-Depożitarju ta' l-istrument ta' adeżjoni ta' stat, li wieħed jew iktar mill-ministeri, dipartimenti, aġenziji jew entitajiet oħra tiegħu huma membri tal-GIF, jew ta' membru tal-GIF magħmul minn iktar minn stat wieħed.
4. Kull Parti li tingħaqad ma' dan il-Ftehim ta' Qafas wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emende issir Parti tal-Ftehim ta' Qafas kif emendat.

ARTIKOLU XV

Dispożizzjoni finali

Kull kollaborazzjoni mibdija taħt dan il-Ftehim ta' Qafas iżda mhux mitmuma fl-iskadenza jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Qafas tista' titkompla sa ma titlesta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ta' Qafas.

B'XIEHDA TA' DAN, il-firmatarji hawn taħt, bl-awtorizzazzjoni meħtieġa, iffirmaw dan il-Ftehim ta' Qafas.

MAGĦMUL f'Washington, b'kopja oriġinali waħda, fit-tmienja u għoxrin jum ta' Frar 2005, bil-lingwa Ingliża u dik Franċiża, u b'kull test awtentiku indaqs.

Anness

Aġenti Eżekuttivi Nnominati tal-Partijiet

Parti

Aġent Eżekuttiv Innominat

Il-Gvern tal-Kanada	Department of Natural Resources
Il-Gvern tar-Repubblika Franċiża	Commissariat à l'Énergie Atomique
Il-Gvern tal-Ġappun	L-Aġenzija għar-Riżorsi Naturali u l-Enerġija L-Istitut Ġappuniż tar-Riċerka fl-Enerġija Atomika L-Istitut Ġappuniż għall-Iżvilupp ta' Ċiklu Nukleari
Il-Gvern tar-Renju Unit ta' l-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' fuq	Department of Trade and Industry
Il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika	Department of Energy

GĦALL-GVERN TAL-KANADA:

GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA:

GĦALL-GVERN TAL-ĠAPPUN:

GĦALL-GVERN TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITANNJA U TA' L-IRLANDA TA' FUQ:

GĦALL-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA